MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 596/2006

**Rodney Testa (ID-550879M)**
**vs**
**Sarah Grech Ltd. C-7360A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Lulju 2006, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' Lm1401 illum ekwivalenti ghal Ewr3,263.45c rapprezentanti ammont dovut ghal xoghol ta' networking u I.T. services.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra bonarja u ufficjali u ta' mandat ta' sekwestru Nru. 1644/06 u bl-imghaxijiet minn meta l-ammont kien dovut u bis-subizzjoni tas-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 6 ta' Settembru 2006 fejn eccepiet in-nuqqas ta' relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u fi kwlaunkwe kaz u fil-meritu ebda ammont ma hu dovut.

B'riserva ghal prezentata ta' eccezzjonijiet ohra.

Sema l-provi migjuba quddiemu u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ra n-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mill-attur.

Sema l-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ulterjorment b'mod verbali.

Ikkunsidra.

L-attur jispjega li huwa jahdem ghal rasu fis-servizz tal-I.T. u ta' networking. Il-*Keyserve* hija *partnership* registrata mal-MFSA iffurmata mill-attur u meta is-socjeta konvenuta xtaqet tinghata servizz ta' networking u xoghol iehor konness fl-ufficini taghha hija kienet inkarikat proprju lil din is-socjeta cioe l-*Keyserve*. L-attur kellem u ltaqa diversi drabi mad-direttur u ufficcjali ohra tas-socjeta konvenuta fuq u dwar dan ix-xoghol. Is-servizz l-ewwel kien inghata fl-ufficcju ta San Pawl il-Bahar u in segwitu f'dak ta Tas-Sliema.

Is-socjeta konvenuta kienet hallset depositu ta Lm587.50c. L-attur ipprezenta dockument market Dok RT1 li jindika l-*invoices* u l-pagamenti kollha li saru mis-socjeta konvenuta. Kull invoice separata giet ukoll esebita u markata minn Dok. RT2 sa RT11. Jafferma li fuq iz-zewg servizzi esegwiti sew f'San Pawl u kif ukoll f'Tas-Sliema, s-socjeta konvenuta kienet fadlilha thallsu s-somma ta' Lm1,401 mitluba fl-odjerna kawza.

L-attur kellu partner f'dan ix-xoghol li jismu Norbert Camilleri u skond l-attur dan jiccara li meta nqala disgwid bejniethom, kienu ftiehmu li x-xoghol tal-Keyserve kellu jibqa jiehu hsiebu biss l-istess attur. Skond dan ta' l-ahhar, ighid li huwa kien informa lis-socjeta konvenuta dwar dan l-arrangament. Meta rceviet din l-informazzjoni, kienet issuggeriet li jinhareg invoice tax-xoghol li kien sar sa dak iz-zmien, jithallas u hi tkun tista tinkariga lil haddiehor. Hekk sar u nhareg cekk datat 5 ta' Marzu 2004 mis-

socjeta konvenuta li kellu jintbaghat lill-attur tramite Norbert Camilleri intestat lil Keyserve u dana fl-ammont ta Lm1,072.93c. L-attur ikompli jghid li dan ic-cekk qatt ma spicca wasal ghandu peress illi kien gie rtirat mis-socjeta konvenuta minghand Norbert Camilleri. Sa dak iz-zmien is-socjeta konvenuta qatt ma lmentat mal-attur li ma kinietx kuntenta bix-xoghol esegwit anzi kienet sodisfatta ferm tant li suppost kienu miftiehma li l-attur kellu jghaddi ghac-cekk ftit tal-granet wara. Ftit jiem wara l-attur gie mistieden biex imur ghal pagament izda qabel xejn kellhom jiftiehmu fuq somma mrahsa. L-attur ma qabilx ghax ippretenda li jithallas l-ammont kollu u ghalhekk l-inkontru baqa ma mmaterjalizzax.

In kontro-ezami jikkonferma li l-inkariku li kien wiehed mhux miktub sar ma Keyserve kif rapprezentata minnu personalment u mhux ma *Skyworks*. Din ta' l-ahhar tispecjalizza *f'software* u kwindi f'materja li l-attur ma kellu x'jaqsam anzi ma jifhem xejn dwarha. Huwa jispjega fid-dettal l-iter dwar kif il-partijiet waslu biex jiftiehmu fuq l-inkariku tas-servizzi assunti. Id-depositi mhallsa mis-socjeta konvenuta kienu saru fil-fatt fuq is-socjeta *Keyserve*. Ebda trattativa u jew inkariku ma kien sar mill-attur mas-socjeta konvenuta f'isem *Skyworks* – dejjem f'isem Keyserve.

F'dan l-ambitu t-Tribunal jinnota li l-invoices esebiti mill-attur fil-fatt jinsabu mahruga kollha minn Keyserve u dana fuq medda ta' gimghatejn shah cioe mit-2 ta' Frar 2004 sal-14 ta' Frar 2004. Anke c-*cheque* datat 5 ta' Marzu 2004 mahrug mis-socjeta konvenuta ghas-somma ta Lm1,072.93c, liema cekk baqa qatt ma ssarraf jinsab ukoll intestat fuq *Keyserve*.

L-attur ikompliu jiccara l-posizzjoni dwar is-socjeta Keyserve tramite l-partnership deed Dok. RTX 1 fejn jidher evidenti is-shubija bejnu u bejn Norbert Camilleri u li s-socjeta *Skyworks* hija biss socjeta ohra bhal ohrajn ma min Keyserve setgha kellha allejanzi ghal skopijiet ta' xoghol u biex jaghtu servizz ahjar u aktar komplut. Jidher ukoll minn Dok. RTX 2 li Norbert Camilleri kien ittermina l-ishubija tieghu b'effett mill-1 ta' Gunju 2004. Dok. RTX 3 u

Dok. RTX 4 ukoll prezentati mill-attur u li ghandhom x'jaqsmu ma *Skyworks* jindikaw bl-aktar mod ampju li l-attur ma kellu u ma ghandu x'jaqsam xejn ma din is-socjeta.

Ix-xhud Joseph Azzopardi, prodott mill-attur jikkonferma li huwa kien gie mqabbad mill-istess attur sabiex jesegwixxi xogholijiet ta' networking u cioe ta' hardware lis-socjeta konvenuta. Jafferma li huwa ma jahdmix f'software u kwindi lis-socjeta konvenuta ma hadmilha ebda xoghol ta' din in-natura. Meta kien inghata struzzjonijiet mill-attur biex jieqaf hesrem minn dan l-inkariku, kien hemm parti sostanzjali tax-xoghol gia lest. Jikkonferma wkoll li huwa kien prezenti ghall-inkontru fejn Sarah Grech tas-socjeta konvenuta kienet esprimiet ruhha sodisfatta mix-xoghol mahdum mill-haddiema ta' l-attur u li ma kellha ebda problemi sabiex thallsu, anzi in kontro-ezami jafferma li kienet weghditu li sejra thallsu. Difatti jzid ighid li sahansitra kienet qabditu fuq xoghol iehor ta' *networking* f'San Pawl il-Bahar.

Fl-affidavit tieghu Norbert Camilleri jikkonferma li huwa kien shab ma l-attur fi hdan il-partnership li kienet topera taht l-isem ta *Keyserve* u li minn mindu huwa telaq din is-socjeta, *Keyserve* kienet u baqghet tappartjeni biss lill-attur. Jafferma wkoll li l-attur qatt ma kellu x'jaqsam mas-socjeta *Skyworks* u kwindi l-attur u anke *Keyserve* lanqas ma kellhom xejn x'jaqsmu fil-kwistjoni u anke fil-kawza li kien hemm bejn *Skyworks* Ltd u Sarah Grech Ltd.

Huwa jikkonferma li l-attur u Keyserve jaghmlu biss xoghol ta' networking u ta' hardware u mhux ta' Software filwaqt li s-socjeta tieghu ta' *Skyworks* jaghmlu xoghol ta' *software*. Ikompli jispjega li hu u l-attur kienu ftehmu li l-attur jiehu x-xoghol ta' Keyserve. Jikkonferma wkoll li huwa kien ircieva cekk fl-ammont ta Lm1,072.93c minghand is-socjeta attrici u dana biex ighaddieh lill-attur pero ftit wara Sarah Tabone qaltlu biex jirritornah lura u hekk ghamel bil-konsegwenza li l-attur kellu jiehu hsieb hu li jfittex lis-socjeta konvenuta bl-odjerni proceduri u dana peress illi l-istess attur ma kellu x'jaqsam xejn fil-kwistjoni li s-socjeta konvenuta kellha ma *Skyworks*.

Gie fil-fatt allegat il-process tal-kawza li kien hemm bejn is-socjeta *Skyworks* u s-socjeta konvenuta (537/04MM). Illi minn ezami ta' l-istess ghandu jirrizulta evidenti li l-meritu ta' dik il-kawza huwa ghal kollox differenti minn dak odjern. F'dik il-kawza l-ohra si tratta ta nkariku u kuntratt ta' xoghol iehor li kien inghata mill-istess socjeta konvenuta fiz-zewg kawzi lil socjeta *Skyworks* u mhux *Keyserve* u dana ghal servizz ta *software*. Fil-fatt f'dik il-kawza kienu thallsu ammonti ohra akkont li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mad-depositu hawn imhallas. Anke l-valur tal-appalt u s-sustanza tal-appalt huma ghal kollox differenti minn ma xulxin. Difatti Martin Bajada li kien gie nominat bhala espert f'dik il-kawza ighid li huwa kien gie mqabbad biex janalizza jekk is-*software* nstallat mill-Kumpanija *Skyworks* kienx jiffunzjona tajjeb o meno. Fix-xhieda jkompli jaghmilha cara li l-kwistjoni kienet fuq *software* u li l-kwistjoni kienet ma *Skyworks*. Fil-fatt huwa ma kienx indaga fuq in-*networking* per se.

Sarah Tabone, direttur fih hdan is-socjeta konvenuta tafferma fl-affidavit taghha illi hija kienet giet avvicinata mill-attur u minn Norbert Spiteri ( x'aktarx riedet tfisser Camilleri) biex jaghtuha servizz komplett fl-I.T. ghal business taghha. Tghid li huma kienu pprezentaw ruhhom bhala *Medea Group* liema group kien ifformat minn *Keyserve*, *Skyworks* u *Media Link*. Hija tghid li l-problemi taghha bdew meta nqala d-disgwid bejn l-attur u Norbert kif jirrizulta miz-zewg emails esebiti minnha bhala Dok. SG1 u SG2. Hi ddecidiet li twaqqaf dan ix-xoghol kif jirrizulta tramite Dok. SG3 u SG4. Huwa mportanti li jigi notat hawn f'dan l-istadju li s-socjeta konvenuta kienet qed tindirizza l-problema tas-*software* u mhux tal-*hardware*. Jinghad ukoll li minn Dok. SG3 u 4 hija kienet qed tikkomunika mal-ufficcjali ta' *Skyworks* u mhux ma l-attur jew ma Keyserve. Difatti l-ircevuta fiskali Dok. SG4 tinsab mahruga minn *Skyworks* favur is-socjeta konvenuta u datata 11 ta' Marzu 2004 ghas-somma ta' Lm1,025.

Huwa nteressanti wkoll li jigi notat anzi enfazizzat li din id-ditettrici tas-socjeta konvenuta ma ssemmi u ma taghmel ebda referenza ghall-*invoices* tal-attur Dok. RT2 sa Dok.

RT11 – ma ssemmi xejn dwar ix-xoghol esegwit mill-attur tramite *Keyserve* kif spjegat u deskritt fil-precitati *invoices* – u kif ukoll ma ssemmi xejn dwar ic-cekk mahrug minnha favur *Keyserve* li sussegwentement gie rtirat (datat 5/3/04 Dok. SG). Mill-kontenut tal-affidavit taghha u mid-dokumenti minnha esebiti jidher evidenti li s-socjeta konvenuta qieghdha thallat ix-xoghol ta' *software* mhux mahdum mill-attur u dwar liema xoghol irriskontrat problemi max-xoghol ta' hardware debitament esekwit mill-attur fl-ewwel stadju (Frar 04) dwar liema hija kienet soddisfatta u ma kellha ebda problemi. Anke l-istess sentenza esebita u l-process allegat jikkostitwixxu prova cara li l-kontenut ta' l-appalt f'din il-kawza li effettivament gie esekwit huwa ghal kollox differenti u distint mix-xoghol u servizz meritu tal-kawza l-ohra msemmija 537/04 MM.

Ghalkemm in kontro-ezami, Sarah Tabone baqghet tinsisti li hija kienet ikkontrattat ma *Media Group* u bilkemm taf min kienet *Keyserve*, hija ma tant dehret konvincenti fir-risposti taghha u pjuttost evasive. Ma tispjegax per ezempju l-fatt kif allura rceviet diversi *invoices* fuq medda ta' gimghatejn (Frar 04) minn *Keyserve*. Fil-fatt hija tammetti li l-accountant taghha kien qed jircievi tali *invoices* minn *Keyserve*. Ma tispjegax kif allura harget ic-cekk tal-5 ta Marzu 2004 favur ta' *Keyserve*. Hija fil-fatt tikkonferma l-hrug ta' dan ic-cekk pero mhux ir-raguni ghala gie rtirat. Tghid biss illi jekk ghamlet hekk dan ghamlitu peress illi jkun irrizultalha mill-*accounts* taghha li kienet gia hallset izzejjed. Anzi tikkonferma li skond l-*accounts* taghha huma kienu hallsu zzejjed kemm lil *Keyserve* u kif ukoll lil *Skyworks*. Apparti l-fatt li isssa f'dan l-istadju dan ix-xhud donnu qed jaghmel gustament distinzjoni bejn *Skyworks* u *Keyserve* (wara kollox hekk ghandu jkun) u fil-fatt ix-xhud ma jghidx pagament izzejjed lil *Media Group*, jigi fl-istess hin ikkummentat li din l-affermazzjoni ta "pagament izzejjed" baqghet biss allegazzjoni minnghajr ma tresqet l-icken prova dwar l-istess. Jigi kkummentat f'dan ir-rigward illi fejn wiehed qed jallega pagament, l-oneru tal-prova taqa fuqu li juri l-pagamenti allegatament maghmula minnu jew minnha. Is-socjeta konvenuta baqghet ma resqet ebda prova dwar il-pagamenti minnha maghmula u l-ghala skont l-accounts

taghha qed tikkontendi li hallset in eccess. Tghid li ghandha hafna nies jahdmu fuq l-accounts u li tohrog hafna cekkijiet pero la gew prodotti l-accounts relattivi, la ttellghu n-nies “impjegati apposta” u anqas xi forma ta’ record tac-cekkijiet mahruga. Difatti jigi notat ukoll li f’din il-kawza, s-socjeta konvenuta lanqas biss ma hi qieghdha teccepixxi l-pagament izda semplicement in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika u inoltre b’mod vag u mhux spjegat li ebda ammont ma kien dovut.

Sarah Tabone tkompli tafferma li hi l-prassi taghha li dejjem taghti spjegazzjoni ghall-azzjoni taghha pero f’dan il-kaz in ezami peress illi kien ghadda z-zmien ma setghetx tiftakar x’raguni tat jekk tat lill-attur il-ghala kienet irtirat ic-cekk tal-5 ta’ Marzu 2004 intestat lil *Keyserve*. Lanqas ma tispjega per ezempju kif allura harget l-ewwel *cheque* akkont ta Lm587.50c. Lanqas ma tispjega kif il-kwistjoni li kellha kienet limitata biss mas-socjeta *Skyworks* fuq materja ta’ *software*. Hija taf jew messha kienet taf bizzejjed li ma harget ebda pagament lil *Media Group* u lanqas ma kienet *Media Group* li fittxitha u lanqas ma hi *Media Group* li qieghdha tfittxha issa u anqas qatt ma rceviet xi *invoice* minnghand xi ditta jew socjeta bl-isem ta’ *Media Group*. Imkien fix-xhieda taghha kemm fl-affidavit, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami ma lmentat jew ikkontestat ix-xoghol esegwit u ndikat fl-*invoices* mahruga minn *Keyserve*. Hija ssostni pero li kienet ftiehmet fuq pakkett wiehed mal-*Media Group* cioe *hardware – software – training* etc u kwindi ma taqbilx li s-servizzi tas-*software* kienu gew miftiehma wara li kien gia sehh u kompletat l-ikariku tal-*hardware/networking*.

Illi in vista tal-premess it-Tribunal jinsab konvint li s-servizzi ndikati f’Dok. RT 2 sa Dok. RT 11 gew fil-fatt esekwiti – li s-socjeta konvenuta ma kellha ebda problemi dwar dan ix-xoghol – li tali xoghol gie esekwit mill-attur li f’dak iz-zmien kien qed jinnegozja taht l-isem tal-partnership *Keyserve* liema socjeta guridikament ma ghandhiex responsabbilita separata u distinta mill-membri li jikkostitwuwha u kwindi hija rapprezentata mill-istess membri personalment (f’dan il-kaz l-attur) – u li s-socjeta konvenuta mhux talli baqghet ma hallsitx ghal dawn is-

servizzi debitament rezi izda sahansitra kienet harget il-pagament relattiv ghall-istess servizzi u minghajr ebda raguni sodisfacenti qabdet u rtirat minn jeddha l-istess pagament. Jinghad inoltre li huwa kontro-sens li s-socjeta konvenuta tallega li ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma l-attur meta hi stess harget pagament tramite cekk fuq din il-materja meritu tal-kaz odjern favur isem ta' *partnership* (li ma ghandhiex rapprezentanza guridika separata u distinta mill-membri li jifformawha) kostitwita mill-attur u Camilleri u in segwitu mill-attur biss.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici kif dedotta u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma mitluba ta' Ewro3,263.45c (tlett elef mitejn u tlieta u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu) (gia Lm1,401) bl-imghax legali dekorribbli mill-15 ta' Frar 2004 u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------